Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,651, 26 ta' Mejju, 2026

Taqsima B

A.L. 170 tal-2026

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinament tal-2026 biex jemenda l-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2021 għall-Postgraduate Certificate in Teaching Maltese as a Foreign Language – P.G. Cert. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dan l-ordinament magħmul mill-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġie approvat mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dan l-ordinament jista' jissejjaħ bħala l-Ordinament tal-2026 biex jemenda l-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2021 għall-Postgraduate Certificate in Teaching Maltese as a Foreign Language – P.G. Cert. - u għandu jinqara u jinftiehem bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Postgraduate Certificate in Teaching Maltese as a Foreign Language – P.G. Cert. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni, ippubblikati bħala Avviż Legali 421 tal-2018, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dan l-ordinament għandu japplika għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2026 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok is-sottoparagrafu (e) tal-paragrafu (1) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(e) grad tal-ewwel ċiklu u/jew grad tat-tieni ċiklu jew ogħla."